# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

## MAĠISTRAT
## DR. JOSEPH GATT LL.D.

### Udjenza ta' nhar l-Erbgħa, 8 ta' Jannar 2025

**Avv Nru: 139/2018**
**Nru fuq il-Lista: 4**

**Atlas Insurance PCC Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha Jose Maria Incera u l-istess Jose Maria Incera**

**vs**

**Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma**

**Il-Qorti;**

Rat l-Avviż promotur imressaq fl-4 ta' Ġunju 2018[1] fejn *ad litteram*, l-Qorti ġiet mitluba tordna li l-Korporazzjoni konvenuta:

> *Thallas is-somma komplessiva ta' sitt elef tmien mija disa' u sittin ewro tmienja u sittin centezmu (€6,869.68), in kwantu ghal €6,634.68 lil Atlas Insurance PCC Limited u in kwantu ghal €235 lil Jose Maria Incera,*

[1] A fol 1 tal-proċess.

*rappresentanti danni subiti mill-atturi fl-istabbiliment "Me Lounge", fi Triq Spinola, San Giljan, liema stabbiliment huwa gestit mill-mittent Jose Maria Incera, u dan in segwitu ghal perkolazzjoni ta' ilma u/jew drenagg fl-1 ta' Novembru 2015 u fis-26 ta' Novembru 2015 provvenjenti minn pipe tal-ilma li kien jaqa' taht ir-responsabbilta' tal-konvenuta Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma.*

*Isegwi ghalhekk li l-imsemmija konvenuta Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma kienet tahti unikament ghal dawn l-incidenti u ghad-danni hemmhekk subiti u dan minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti, bi ksur tal-Artikoli 1031 u 1032(1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta' Gunju 2016, u bl-imghax legali b'effett mis-27 ta' Gunju 2016 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-korporazzjoni konvenuta li hija minn issa stess ingunta ghas-subizzjoni.*

Rat ir-risposta tal-Korporazzjoni konvenuta mressqa fis-6 ta' Lulju 2018[2] fejn *ad litteram* ġie eċċepit hekk:

1. *Illi fl-ewwel lok jinkombi fuq is-soċjeta' attriċi sabiex iġġib prova tas-surroga li tallega li għandha;*

[2] A fol 11 tal-proċess.

2. *Illi mingħajr preġudizzju għas*-suespost *jinkombi fuq l-atturi jew min minnhom li jagħmlu prova tal-allegati danni sofferti u li tali danni ma ġewx kaġunati minnhom stess jew b'aġir tagħhom u/jew ta' terzi;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas*-suespost *il-Korporazzjoni esponenti tirrileva li t-talbiet attriċi huma infondati fil-*fatt *u fid-dritt;*

4. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u kuntrarjament għal dak li jsostnu l-atturi, il-Korporazzjoni esponenti ma kkaġunat ebda danni;*

5. *Illi mingħajr preġudizzju għas*-suespost *l-ebda ammont m'huwa dovut mill-Korporazzjoni esponenti rigward allegati danni sofferti;*

*Salv eċċezzjonijiet oħra.*

Rat l-affidavit ta' Jose Maria Incera imressaq fis-17 ta' Diċembru 2018[3].

Rat ix-xhieda ta' Bernard Farrugia[4].

Rat ix-xhieda ta' Greta Attard[5].

[3] Nota relattiva tinsab a fol 16 tal-proċess.
[4] Magħmula fis-seduta tal-15 ta' Lulju 2019 u tibda a fol 75 tal-proċess.
[5] Magħmula fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2021 u tibda a fol 104 tal-proċess.

Rat l-affidavit ta' Francesca Bartolo, imressaq fl-20 ta' Jannar 2021[6].

Rat in-nota tal-Korporazzjoni konvenuta, mressqa fit-12 ta' Frar 2021, fejn ġiet eżebita dokumentazzjoni rigwardanti l-inċident, mitlub mill-atturi[7].

Rat ix-xhieda ulterjuri ta' Greta Attard[8].

Rat l-affidavit ta' Louis Camilleri, imressaq mill-atturi fit-12 ta' Jannar 2022[9].

Rat ix-xhieda ta' Ivan Attard magħmula fuq żewġ seduti.[10]

Rat in-nota tal-atturi, mressqa fit-22 ta' Settembru 2022 kontenenti dokumentazzjoni[11].

Rat il-kontro-eżami ta' Ivan Attard[12].

---

[6] Nota relattiva tinsab a fol 130 tal-proċess.
[7] Nota rellattiva tinsab a fol 136 tal-proċess.
[8] Magħmula fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2021 u tibda a fol 202 tal-proċess.
[9] Nota relattiva tinsab a fol 208 tal-proċess.
[10] L-ewwel xhieda ingħatat fis-seduta tal-4 ta' Mejju 2022 u tibda a fol 226 tal-proċess. Ix-xhieda tkompliet fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2022 u tibda a fol 246 tal-proċess.
[11] Nota relattiva tinsab a fol 241 tal-proċess.
[12] Imwettaq fis-seduta tat-22 ta' Frar 2023 u jibda a fol 258 tal-proċess.

Rat l-assenjazzjoni datata 9 ta' Marzu 2023[13] tal-Onor. Prim Imħallef fejn il-kawżi preċedentement mismugħa minn din il-Qorti preseduta mill-Maġistrat Nadine Lia ġew assenjati lil din il-Qorti kif issa preseduta.

Semgħet ix-xhieda ulterjuri ta' Ivan Attard[14].

Semgħet il-kontro-eżami ta' Bernard Farrugia[15].

Semgħet il-kontro-eżami ta' Louis Camilleri[16].

Semgħet ix-xhieda ta' Trevor Chircop Bray[17].

Semgħet il-kontro-eżami ta' Jose Maria Incera[18].

Rat dak li fis-seħħ fis-seduta tad-19 ta' Lulju 2024 fejn instemgħet it-trattazzjoni finali[19].

Rat id-digriet tagħha tal-25 ta' Novembru 2024 fejn għar-raġunijiet hemm indikati, il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza[20].

**Ikkunsidrat**

---

[13] A fol 268A tal-proċess.
[14] Magħmula fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2023 u tibda a fol 271 tal-proċess.
[15] Imwettaq fis-17 ta' Jannar 2024 u jibda a fol 293A tal-proċess.
[16] Magħmul fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2024 u jibda a fol 299 tal-proċess.
[17] Magħmula fis-seudta tat-2 ta' Mejju 2024 u tibda a fol 311 tal-proċess.
[18] Magħmul fis-seduta tat-18 ta' Ġunju 2024 u jibda a fol 340 tal-proċess.
[19] Debitament reġistrata u traskritta u tibda a fol 356 tal-proċess.
[20] A fol 363 tal-proċess.

Illi qabel xejn il-Qorti tqis li għandha tibda billi tagħmel rijepilogu qasir tax-xhieda u provi li jsawru dan il-każ, anke għaliex l-istess, fil-maġġoranza tagħha, ma ġietx mismugħa minn din il-Qorti direttament.

**<u>Provi</u>**

Illi f'dawn il-proċeduri xehed l-attur **Jose Maria Incera**. Fl-affidavit[21] jispjega li ilu jikri u jopera l-fond (bar) magħruf bħala "Me Lounge" minn Frar 2014. Fl-1 ta' Novembru 2015, il-fond, li jinsab taħt il-livell tat-triq, sofra perkolazzjoni ta' ilma jew drenaġġ mill-ħitan. L-ilma jew drenaġġ kien għoli mal-erbgħin ċentimetru. Fl-istess ġurnata huwa għamel kuntatt mal-Korporazzjoni konvenuta, għaliex il-perkolazzjoni kienet ġejja mit-triq. Ġew xi uffiċjali u sabu li kien hemm pajp ibblukat. Xi jumejn wara, irranġaw il-pajp u l-problema kienet tidher li ġiet solvuta. Jagħti rendikont tad-dannu li sofra u jispjega li kien informa lis-soċjetà attriċi dwar dan. Minħabba f'dan huwa kellu jagħlaq il-fond għal xi żmien sakemm saru x-xogħlijiet neċessarji. Jispjega li minn dakinhar, bħala prekawzjoni, huwa installa pompa sabiex possibbilment dan l-akkadut ma jerġax jirrepeti ruħu. Fis-26 ta' Novembru 2015, il-problema reġgħet ġrat. Reġa' ċempel lill-Korporazzjoni konvenuta, li bagħtet xi uffiċjali u dawn sabu li l-problema kienet l-istess. Għad li talab li l-Korporazzjoni tiddikjara li l-problema kienet il-fatt li l-pajp kien miżdud, din irrifjutat. Sar xogħol mill-uffiċjali tal-konvenuta u l-problema waqfet hemm. Minn hemmhekk fetaħ *claim* mas-soċjetà attriċi, s-soċjetà assikurattriċi tiegħu u sar ftehim fuq ammont. Ġiet iffirmata dikjarazzjoni ta' surroga u jgħid li ħallas €235 bħala *excess*. Jagħlaq billi jgħid li seħħew żewġ episodji oħra tal-istess tip. F'dawn

[21] Dan jibda a fol 17 tal-proċess.

l-aħħar okkażjonijiet jgħid li inġinier tal-Korporazzjoni qallu li l-problema kienet għaliex is-sistema kienet waħda antika, u l-pajpijiet kienu dojoq wisq għad-domanda f'dawk l-inħawi[22]. Ġiet eżebita dokumentazzjoni relattiva.

Illi in kontro-eżami, **l-istess xhud**[23] jibda' billi jgħid li fiż-żmien li ingħatat ix-xhieda huwa kien għadu l-inkwilin tal-fond (din ix-xhieda ingħatat f'Ġunju 2024). Meta kien beda jopera mill-fond fis-sena 2014 kien hemm diġà *grease trap* u din inbidlet fis-sena 2024. Xi tlett xhur qabel, il-Korporazzjoni kienet tatu struzzjoni sabiex iġib waħda ġdida. Il-bqija tal-kontro-eżami kien irrelevanti. Fir-ri-eżami[24] jikkonferma li *l-grease trap* kienet hemm fis-sena 2015. Jerġa jgħid li kien hemm diversi okkażjonijiet bl-istess problema, u din tiġri meta jkun hemm il-maltemp. Ix-xogħlijiet li għamlet il-Korporazzjoni dejjem saru barra l-istabbiliment u mhux ġewwa.

Illi xehed ukoll **Bernard Farrugia**. In eżami[25] jispjega li huwa direttur ta' Resolt Consulting Limited, u li din is-soċjetà tieħu ħsieb *claims* t'assikurazzjoni. Huma jitqabbdu minn xi ditta' t'assikurazzjoni sabiex jevalwaw ħsarat, u fl-aħħar jaslu fuq ammont li jkun pagabbli. Dwar dawn l-inċidenti jispjega li ġew mqabbda fit-3 ta' Novembru 2015 u huwa kien mar fuq il-post. Il-fond huwa sular taħt it-triq u ġie infurmat li l-ilma kien ġej mill-pajpijiet tal-Korporazzjoni. Kien hemm sinjali evidenti ta' ilma fil-fond. Jgħaddi sabiex jeżebixxi r-rapporti magħmula minnu. Kien ċar li l-ilma kien ġej mit-triq. In kontro-eżami[26] jgħid li s-sinjal tal-ilma ġewwa l-fond kien it-tul kollu tal-istess fond. Jikkonferma li dan kien għoli *"mhux ħażin"*.

[22] Il-post huwa ġewwa Triq Spinola, San Ġiljan.
[23] Dan jibda a fol 340 tal-proċess.
[24] Dan jibda a fol 349 tal-proċess.
[25] Xhieda tibda a fol 75 tal-proċess.
[26] Dan jibda a fol 77 tal-proċess.

Illi **l-istess xhud**, in kontro-eżami[27] jgħid li hu m'għamilx investigazzjoni dwar kif seħħ l-akkadut, iżda straħ fuq il-verżjoni tal-inkwilin. M'għamilx investigazzjoni dwar il-pompa, jekk jekk kellhiex *grease trap*.

Illi xehdet ukoll ċertu **Greta Attard**. Imressqa mill-atturi[28] tispjega li hija *manager* ġewwa r-reġjun ċentrali mal-Korporazzjoni konvenuta. Hija ħadet qies tad-dokumentazzjoni fil-fajl tal-Korporazzjoni u sabet li kienu saru xi rapporti minn "Me Lounge" u l-uffiċjali tagħha sabu li kien hemm infiltrazzjoni ta' drenaġġ fil-ħanut. Ġiet eżebita dokumentazzjoni. Din ix-xhieda ġiet sospiża sabiex jiġi rintraċċat il-fajl kollu. F'xhieda ulterjuri[29], b'referenza għal-fajl issa mressaq, tgħid li għall-inċidenti konċernanti s-sena 2018 ma tafx għal-liema stabbiliment jirreletaw. Dwar it-tindif tgħid li dan seħħ wara d-data. Ma tafx tgħid jekk il-kjarifiki mitluba minn *broker* qatt twieġbu.

Illi xehed ukoll **Louie Camilleri**. Fl-affidavit[30] jispjega li huwa sid l-istabbiliment mikri lil Jose Maria Incera. F'Novembru tas-sena 2015 kien ġie mgħarraf mill-inkwilin li kien hemm dħul ta' ilma jew drenaġġ u li kienet saret ħafna ħsara. Huwa kien mar fuq il-post xi jiem wara u kkonstata l-ħsara deskritta qabel. Mal-ħitan kien hemm sinjali t'ingress, b'għoli ta' madwar pied. L-ilma kien jidher maħmuġ. Peress li l-fond jinsab taħt il-livell tat-triq, kien hemm pompa installata mill-inkwilin ta' qabel. Minħabba l-volum t'ilma, l-provvista tad-dawl kienet nqatgħet u l-pompa ma setgħetx taħdem. Jikkonferma r-ritratti eżebiti minn Jose Maria Incera. Kien għamel rapport verbali mal-Korporazzjoni konvenuta li talbitu aktar informazzjoni. Hu hekk

[27] Dan jibda a fol 293A tal-proċess.
[28] Xhieda relattiv tibda a fol 164 tal-proċess.
[29] Din tibda a fol 202 tal-proċess.
[30] A fol 209 tal-proċess.

għamel iżda baqa' ma sema' xejn. Jaf però li l-Korporazzjoni kienet bagħtet xi impjegati sabiex isiru xi tiswijiet u ġie spjegat lilu li l-problema kienet ġejja minn *blockage* fis-sistema tad-drenaġġ tat-triq. Dan ma kellux fejn jiskula u daħal fl-istabbiliment. Xi tlett ġimgħat wara, ġara l-istess. Huwa kien kiteb lill-Korporazzjoni. Għandu impressjoni li xi snin qabel id-data tal-affidavit (24 ta' Novembru 2021), kien sar xi xogħol fit-triq u l-ilma ma baqgħax dieħel. F'kontro-eżami ulterjuri[31] jgħid li ma jafx jekk kienx ġab permess sabiex jarmi x-xaħmijiet u ma jafx jekk l-inkwilin għamilx hekk mal-Korporazzjoni. Jaqbel li l-ilma li ra dakinhar tal-akkadut kien drenaġġ u kellu riħa qawwija. Ma jafx jispjega jekk il-pompa kellhiex *grease trap*. Dakinhar il-pompa ma ħadmitx, u l-pompa saret mill-inkwilin ta' qabel.

Illi xehed ukoll **Ivan Attard**. Fl-ewwel okkażjoni[32] jispjega li huwa għamel verifiki dwar il-kwistjoni u jgħid li għalkemm fit-Triq Spinola hemm diversi stabbilimenti, mqabbad mal-medda ta' "Me Lounge" hemm wieħed ieħor biss. Jiċċara li hemm djar antiki oħra imqabbda mal-istess medda iżda mhux stabbilimenti. Ippressat, jgħid li hemm sistema waħda komuni għal kulħadd. Hemm pajp wieħed għaddej. Bħala infrastruttura is-sitwazzjoni hija normali. Ma jafx jgħid jekk il-korrispondenza tal-5 ta' Awwissu 2016 ġietx imwieġba. F'xhieda ulterjuri[33] jgħid li ma setax isib meta l-aħħar li inbidlet l-infrastruttura, ċertament ma sar xejn minn wara s-sena 2015. L-infrastruttura kienet ilha l-istess żgur għall-aħħar ħmistax il-sena. Fil-kontro-eżami[34] jispjega li dakinhar tal-inċident (il-Qorti fehmet dwar l-ewwel wieħed), kien mar fuq il-post ċertu Mario Musu (team leader), fejn sab li kien hemm pompa li ma ħadmitx. Il-pompa kienet ġewwa l-istabbiliment, li peress li kienet taħt l-art, kienet tintuża

---

[31] Dak tat-13 ta' Marzu 2024. Xhieda tibda a fol 299 tal-proċess.
[32] Xhieda tal-4 ta' Mejju 2022. Traskrizzjoni tibda a fol 226 tal-proċess.
[33] Dik tal-11 ta' Lulju 2022. Din tibda a fol 236 tal-proċess.
[34] Dan jibda a fol 258 tal-proċess.

sabiex terġa titfa l-ilma fis-sistema tal-Korporazzjoni. Huma għamlu investigazzjoni fis-sistema tagħhom u sabu li kien hemm depożiti ta' ħafna xaħmijiet. Il-pompa ma kellhiex *non return valve*, u allura l-ilma baqa' dieħel. Il-*main* tal-ilma u tad-drenaġġ huma separati, iżda hu ġie infurmat li kien hemm ammont mit-tnejn li huma. Normalment, jinħareġ *Discharge Permit Unit* lil stabbilimenti sabiex jikkontrolla x-xaħam li jintefa'. F'dan il-każ, dan il-permess ma kienx intalab mill-istabbiliment. Jgħid li sa fejn jaf hu ma sarux tiswijiet, kemm tnaddaf il-pajp, minħabba x-xaħmijiet. Ma kienx hemm ilmenti minn units oħra fl-istess triq. Fir-ri-eżami fl-istess seduta, jgħid li ma kellux involviment dirett fil-kwistjoni. Ma jafx jgħid jekk dakinhar li mar dan Mario Musu, kienx hemm provvista ta' dawl. L-istess xhud reġa' iddepona darb'oħra[35]. Jikkonferma li r-ritratti fil-fajl eżebit huma *stills* ta' CCTV li huwa kien ra u li semma fix-xhieda preċedenti tiegħu.

Illi xehdet ukoll **Francesca Bartolo**. Fl-affidavit[36] tgħid li hija *claims executive* tas-soċjetà attriċi. Kien hemm diversi *claims* mill-attur assikurat dwar il-fond in kwistjoni. Huwa kienu qabbdu kumpannija bħala *loss adjustor* sabiex dan jispezzjona d-danni subiti. F'Mejju 2018 hija marret fil-fond mal-Inġinier David Muscat. Hija ma sabitx ilma dakinhar iżda kien hemm sinjali ċari ta' skular t'ilma bil-ħitan imxarrba. L-assikurat spjega li l-inċidenti kienu frekwenti u dan meta s-sistema ta' drenaġġ ma kinitx tlaħħaq mal-ammont ta' xita. Tagħti rendikont tal-ammonti mitluba b'din l-azzjoni (konċernanti biss dak li seħħ f'Novembru 2015).

Illi xehed ukoll **Trevor Chircop Bray**. In eżami[37] jispjega li huwa jaħdem fis-sezzjoni tad-*discharge permitting* fi ħdan il-Korporazzjoni konvenuta. Jgħid li l-

[35] Seduta tat-30 ta' Mejju 2023.
[36] Dan jibda a fol 131 tal-proċess.
[37] Xhieda tat-2 ta' Mejju 2024.

permess ta' *Public Sewer Discharge* huwa rikjest speċjalment f'każ ta' stabbiliment fejn isir tisjir b'xaħmijiet. Ġeneralment is-soluzzjoni tkun *grease trap* li tilqa' ix-xaħam sabiex dan ma jispiċċax fis-sistema tad-drenaġġ. Il-permess ikun validu għal sena u l-Korporazzjoni, għad li mhux b'mod tassattiv, tagħmel spezzjonijiet. Fil-każ tal-fond in kwistjoni jgħid li mis-sena 2016 sad-data tax-xhieda kienu marru jagħmlu spezzjoni xi tmien darbiet u l-fond instab magħluq. Fit-22 ta' Marzu tas-sena 2024 instab li kien hemm *grease trap* installata, mingħajr permess.

Illi magħmul dan ir-riassunt, imiss li dawn il-fatti jiġu eżaminati skond il-prinċipji legali relattivi.

**<u>L-Ewwel Eċċezzjoni – Prova tas-Surroga</u>**

Illi mill-ewwel jingħad li hija ħasra li din l-eċċezzjoni ma ġietx irtirata fid-dawl tax-xhieda tal-attur, li eżebixxa l-formola appożita mal-affidavit tiegħu[38]. Bl-istess mod, potenzjalment din l-eċċezzjoni setgħet tiġi evitata li kieku d-dokumenti relattivi għal-każ ġew annessi immedjatament mat-tressieq tal-Avviż promotur. Fi kwalunkwe każ, l-atturi seħħilhom juru li għandhom il-jedd imexxu din l-azzjoni bil-mod kif għamlu u għalhekk l-eċċezzjoni qiegħda tiġi mwarrba.

**<u>Mertu</u>**

Illi għandu jkun ċar li l-azzjoni tal-atturi hija msejsa fuq l-allegat nuqqas da parti tal-Korporazzjoni konvenuta sabiex din tieħu ħsieb dak li bil-liġi jaqa' strettament fir-responsabbilità tagħha. Fi kliem ieħor, l-atturi hawn qegħdin ifittxu danni għall-ommissjonijiet tal-istess Korporazzjoni konvenuta. Huwa magħruf u elementari li l-

[38] Dok JI 11 a fol 38 tal-proċess.

colpa akwilijna tista sseħħ kemm bil-fatt u bl-ommissjoni ta' xi parti. Illi l-liġi trid li kulħadd iwieġeb għall-ħsara magħmula minnu[39], u din tintwera f'kull każ ta' nuqqas ta' prudenza u diliġenza fil-grad ta' missier tajjeb[40]. Bl-istess mod, il-ħtija tinstab ukoll fejn persuna tkun naqset milli tagħmel xi ħaġa imposta fuqha bil-liġi[41]. Fi kliem ieħor, il-passivitá u l-ommissjoni ta' xi obbligazzjoni[42] wkoll tista' twassal għal ħtija akwiljana, li huwa l-każ tal-lum.

Illi sfiq ma dan imbagħad hemm il-kunċett ta' *neminem laedere*[43] li jistabilixxi l-prinċipju ġenerali li l-ebda persuna m'għandha tagħmel ħsara għad-dannu ta' xi ħadd ieħor[44]. Il-Qrati tagħna issa ddikjaraw diversi drabi li dan il-prinċipju jgħodd ukoll

---

[39] Artikolu 1031 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

[40] Artikolu 1032 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

[41] Artikolu 1033 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

[42] Fl-opra tiegħu **Corso Teorico-Pratico di Diritto Civile**, il-ġurist Francesco Ricci jgħid hekk: "*La colpa ha un significato abbastanza esteso, e tale che non puó non comprendere la negliġenza e l'imprudenza eziandio; e difatti noi diciame che chi é negligente o imprudente é in colpa, dappoiché avrebbe dovuto usare maggiore diligenza, od essere un poco piú accorto ed avveduto. Imbagħad fl-istess paragrafu jkompli jamplifika hekk: Dunque la colpa, che genera resonsabilitá civile, non deriva soltanto dai fatti, ma anche dai non fatti; onde io non solo sono in colpa quando faccio quello che non avrei dovuto fare, ma sono in colpa pur anco quando ometto o trascuro di far ció che avredi dovuto fare*. – UTET, 1923, III edizzjoni, Vol VII, para 85 a fol 113. Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Anthony Ellul vs Josef Aquilina *et*,** (App Ċiv Nru: 147/2020/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-7 ta' Novembru 2024, fejn dan il-bran intuża u ġie spjegat hekk: *"li l-ħtija twassal għar-responsabbiltà ċivili mhux biss meta jkun hemm fatti iżda anke meta jirriżulta li jkun hemm nuqqas ta' fatti; b'dana li jkun hemm ħtija mhux biss meta wieħed jagħmel dak li ma kellux jagħmel, imma anke meta dak li jkun iħalli barra jew jittraskura milli jagħmel dak li kellu jagħmel."* Hekk ukoll, fis-sentenza fl-ismijiet **Yordan Shterev vs Vassallo Builders Group Limited,** (App Ċiv Nru: 1319/2010) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) mogħtija fis-16 ta' Diċembru 2019 intqal li *"Fil-fatt jinghad ukoll li n-negligenza ma tirrizultax biss meta dak li jkun jaghmel xi haga bi traskuragni jew b'non kuranza, izda wkoll meta dak li jkun jonqos milli jiehu l-kawteli opportuni u mehtiega fic-cirkostanzi."*

[43] *"Non danneggiare nessuno"* - Brocard 3054, **Dizionario Dei Termini Giuridici e Dei Brocardi Latini**, Edoardo Mori, VII ediz, 2011, a fol 292.

[44] Fost diversi issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Grezzju Galea *et* vs Dentist Dottor Paul Vella *et*,** (Rik Maħluf Nru: 92/2013) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili har id-29 ta' Settembru 2016 (mhux appellata) fejn ingħad hekk: *"Illi l-fattur li jsejjes il-ħtija akwiljana (jew*

għal entita' pubblika[45]. Entitá pubblika li għandha fil-kontroll tagħha il-viġilanza ta' xi settur, titqies fi ksur tal-obbligazzjoni tagħha jekk dik il-viġilanza tkun waħda inadegwata[46]. B'mod speċifiku, issa hemm għadd ġmielu ta' sentenzi li applikaw l-istess raġunament fil-konfront tal-Korporazzjoni konvenuta stess[47].

---

*dik li titnissel barra r-rabta kuntrattwali) huwa dak li l-persuna hija obbligata li, f'għemilha, ma tikkawżax ħsara jew dannu lil ħaddieħor taħt il-prinċipju tan-neminem laedere."*

[45] Kif tajjeb inħad fis-sentenza fl-ismijiet **Hugh P Zammit *noe et* vs Direttur tat-Toroq *et,*** (App Ċiv Nru: 609/1998/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-23 ta' Jannar 2004 fejn ingħad hekk: *"Hu principju konsolidat kemm fid-dottrina kif ukoll f'gurisprudenza affermata, illi l-entitajiet pubblici li lilhom hi affidata certa mansjoni huma, bhal kull cittadin privat, marbuta li josservaw, fil-kors tal-attivitajiet taghhom, ilprudenza, diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja dettata mir-regola fl-Artikolu 1032 (1) tal-Kodici Civili. Regola din ta' korrettezza, bon sens u ta' zvolgiment ghaqli f'kull parti tal-operat, kemm jekk si tratta minn ezekuzzjoni ta' xoghlijiet, manutenzjoni ta' opri pubblici, vigilanza u kontroll. L-enti pubblika li ma tosservax dan titqies fi htija u jkollha allura tissubixxi l-konsegwenzi ta' dak sancit fl-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili."*

[46] Kif ġie imfakkar fis-sentenza fl-ismijiet **Derek Fenech vs Jason Carabott *et,*** (App Ċiv Nru: 157/13/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-27 ta' April 2023: *"Sfiq ma' dan, ma jista' qatt ikun dubitat illi anke fil-każ tal-amministrazzjoni pubblika, jew ta' dawk l-enti tagħha regolati minn liġijiet specjali, kull attività trid tiġi żvolta fil-limiti tal-liġi u, fuq kollox, fil-ħarsien tan-norma primarja neminem laedere. Tali prinċipju hu estiż għall-manutenzjoni ta' servizzi pubbliċi u għall-viġilanza u kontroll tagħhom. Hekk l-omissjoni da parte tal-enti pubblika kapaċi tiġi individwata fil-każ fejn iċ-ċirkostanza speċifika tesiġi attività determinata għal ħarsien tad-drittijiet tat-terzi soġġetti, reċipjenti tas-servizz provdut minnha. Biex wieħed ikompli ma' dak aktar 'il fuq aċċennat, għal finijiet tal-verifika tar-rapport ta' kawżalità, wieħed jeħtieġlu, fuq ir-riċerka u apprezzament tal-fatti, jiddetermina obbligu pożittiv ta' kondotta li l-inosservanza tagħha ġabet, fuq il-bażi tal-ġudizzju tal-kawżalità, l-event dannuż"* Bl-istess mod, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Martin Bonello Cole vs Kummissarju tal-Pulizija *et,*** (Ċit Nru: 1210/1993/1) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-3 ta' Ottubru 2003 (appell mar deżert fit-8 ta' Mejju 2006) fejn ingħad hekk: "*Kif akkolt minn certi interventi gurisprudenzjali ta' dawn lahhar snin r-responsabilita` ta' l-amministrazzjoni pubblika hi materja f' evoluzzjoni, tista' tghid, kontinwa. Tali zvilupp wassal biex jigi ritenut illi l-amministrazzjoni pubblika hi wkoll, bhal kull individwu jew korp, tenuta li tosserva lprincipju "neminem laedere". Tali principju hu issa estiz kemm fil-kaz ta' ezekuzzjoni jew manutenzjoni ta' xoghlijiet pubblici kif ukoll in rapport ta' vigilanza jew ta' kontroll in generali ta' l-attivita` pubblika. F' din ilgurisprudenza gie affermat illi l-awtorita` jew enti pubblika tista' twiegeb ghall-htija akwiljana."*

[47] Fost oħrajn, il-Qorti tissenjala s-sentenzi fl-ismijiet **John Abdilla *et* vs Water Services Corporation,** (App Ċiv Nru: 2062/2004/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-14 ta' Diċembru 2006; **John Portelli *et* vs Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma,** (App Ċiv Nru: 10/2005/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar id-9 ta' Lulju 2008; **Saviour Portelli vs Water Services Corporation,** (Talba Nru: 106/2017) mogħtija mit-Tribunal għal

Illi l-liġi[48] tafda fi ħdan il-Korporazzjoni konvenuta d-dmir li *tiżviluppa, iżżomm u tippromwovi sistema tajba u effiċjenti għal produzzjoni u distribuzzjoni tal-ilma* ***biex tlaħħaq mal-ħtiġijiet kollha raġonevoli****, bl-akbar mod ekonomiku possibbli*[49] u b'mod speċifiku wkoll sabiex *tipprovdi, ittejjeb u tkabbar dik is-sistema ta' drenaġġ pubbliku u li tnaddaf u li żżomm fi stat tajjeb din is-sistema sabiex tassigura li din topera u tibqa' topera mingħajr perikolu u b'mod effiċjenti*[50]. B'żieda ma dan imbagħad, l-istess Korporazzjoni għandha l-jedd li *tieħu dawk il-miżuri li minn żmien għall-ieħor ikunu meħtieġa biex tħares l-indafa, s-sigurtà u effiċjenza fis-sistema tad-drenaġġ*[51]*;*

Illi fil-fehma tal-Qorti, in-ness ta' kawżalita'[52] bejn l-ommissjonijiet statutorji tal-Korporazzjoni u d-dannu ġew ippruvati sodisfaċentement. Rispettosament, li ma jsir l-ebda żvilupp infrastrutturali (fis-sistema taħt ir-responsabbilità tal-Korporazzjoni), skond ix-xhieda ta' Ivan Attard, meta fiż-żona kien hemm żviluppi kontinwi tul

---

Talbiet Żgħar nhar il-24 ta' April 2018; **Kenneth Agius *nomine* vs Water Services Corporation,** (App Ċiv Nru: 689/20/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-22 ta' Ġunju 2022 u dik fl-ismijiet **Atlas Insurance PCC Limited *pro et noe* vs Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma,** (Rik Nru: 220/2011) mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta nhar id-9 ta' Novembru 2022 (mhux appellata).

[48] Kapitolu 355 tal-Liġijiet ta' Malta.

[49] Artikolu 3(3)(a) tal-Kapitolu 355 tal-Liġijiet ta' Malta.

[50] Artikolu 3(3)(ċ)(i) tal-Kapitolu 355 tal-Liġijiet ta' Malta.

[51] Artikolu 19(b) tal-Kapitolu 355 tal-Liġijiet ta' Malta.

[52] Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Paul Laferla vs Comm. Edward Palmier *noe*,** mogħtija mill-Qorti tal-Appell nhar il-11 ta` Diċembru 1967, liema sentenza hija ripetutament ċitata b'approvazzjoni. F'dik is-sentenza intqal hekk: *"Illi n-ness ta` kawzalita` hu fic-centru tal-problema tar-responsabbilita` civili, minghajr il-htiega f` dan ir-rigward (mhux biss fiddottrina moderna tal-obbligazzjonijiet imma anki fil-logika) ta` distinzjoni bejn kolpa kontrattwali u dik extra kontrattwali. Il-fatt additat bhala kawza tad-dannu jridu ikun il-kawza generatrici tal-istess dannu. Id-dannu jrid jintwera f` ness ta` kawzalita` mal-fatt kolpuz li fuqu tkun bazata domanda ghar-rizarciment."*

medda ta' snin, huwa inaċċettabbli[53]. Huwa ċar f'għajnejn il-Qorti li d-dannu seħħ proprju għaliex is-sistema antika (xhieda ta' Ivan Attard) ma felħitx (u dan kemm il-darba, anke wara dawn l-okkażjonijiet) iktar għall-ammont li jinsabu f'dik it-triq. Il-Korporazzjoni għandha l-obbligu li tkun proattiva u mhux sempliċiment rejattiva wara li jkun seħħ xi akkadut.

Illi l-argument tal-pompa, imressaq bħala skużanti mill-Korporazzjoni, m'għandux mis-sewwa. Fl-ewwel lok, il-Qorti hawnhekk ma tistax tistrieħ fuq ix-xhieda ta' Ivan Attard iktar għaliex dan ma kellu l-ebda involviment dirett fl-okkażjonijiet mertu tal-kawża. Il-Korporazzjoni, għar-raġunijiet li taf hi biss (u li ma ġewx indikati lill-Qorti), naqset milli tressaq lil Mario Musu bħala xhud sabiex dan jispjega x'sab f' Novembru 2015. B'hekk il-kwistjoni tax-xaħam depożitat kien u baqa' wieħed ta' mera spekulazzjoni. Fit-tieni lok, l-enfasi li għamlet il-Korporazzjoni għan-nuqqasijiet ta' *grease trap* u l-permess tiegħu għal dati **wara l-inċident huma totalment irrelevanti.** Fit-tielet lok, u b'rispett, il-kwistjoni ta' pompa funzjonanti o meno tidħol fix-xena jekk ikun hemm il-ħtieġa tagħha għaliex is-sistema ma tkunx tiflaħ l-influss u mhux minn qabel. Fi kliem ieħor, il-Korporazzjoni ma tistax twaddab ħtija fuq l-inkwilin għaliex l-obbligu tagħha *in primis* huwa proprju sabiex hi stess tevita sitwazzjonijiet bħal dawn.

Illi jekk (għaliex l-eċċezzjonijiet tal-Korporazzjoni fil-mertu huma miktuba b'mod vag u ġeneriku), il-Korporazzjoni qiegħda b'xi mod tinvoka l-eċċezzjonijiet indikati fl-artikolu 21 tal-Kapitolu 355 tal-Liġijiet ta' Malta allura jingħad li anke hawnhekk l-argument huwa żbaljat. Fl-ewwel lok din il-Qorti ma ssibx li dawn l-eċċezzjonijiet

[53] Ara Dok PA imressaq mill-atturi u jinsab bejn foll 242 u 251 tal-proċess.

ta' responsabbilità isibu riflessjoni fil-provi prodotti. Fit-tieni lok, kien jinkombi fuqha l-oneru li tipprova dan[54].

Illi jifdal biss il-kwistjoni tar-riżarċiment[55], li għandu jkun wieħed li jwassal lid-danneġġat fl-istess qagħda ekonomika li kien fiha qabel ma seħħ l-event dannuż[56]. Issa, minn eżami akkurat tal-eċċezzjonijiet ġeneriċi tal-Korporazzjoni ma jirriżultax waħda li tindika difiża għall-ammont mitlub għaliex dawn jiċċentraw biss fuq ir-responsabbilità tagħha. Mix-xhieda tal-attur u ta' Francesca Bartolo[57] l-ammont mitlub jirriżulta pjenament ippruvat.

---

[54] Fis-sentenza fl-ismijiet **Jesmond Lomax *et* *vs* Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma,** (Ċit Nru: 768/2011) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Lulju 2015 (mhux appellata) ingħad hekk: *"L-oneru tal-prova kien fuq il-konvenuta biex tikkonvinci lill-qorti li tapplika xi wahda miċ-ċirkostanzi li jissemmew fl-Artikolu 21. Prova li qatt ma saret."*

[55] L-awturi Baudry-Lacantineri u Barde, fl-opra tagħhom **Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile** jgħidu hekk *"Il risarcimento dei danni, qualunque sia la loro fonte, deve mettere colui che ha diritto alla riparazione nella situazione in cui si sarebbe trovato se non avesse subito ii pregiudizio. Essa deve dunque, verificandosi ii caso, comprendere i due elementi.' la perdita subita, damnum emergens, e il lucro mancato, lucrum cessans"* – CASA EDITRICE DOTTOR FRANCESCO VALLARDI, Delle Obbligazioni, Vol 1, para 448, a fol 497. F'dan is-sens ukoll issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Elmo Insurance Agency Limited noe et vs. Martin Saliba,** (Ċit Nru: 588/2000) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-31 ta' Mejju 2001 u ghall-ġurisprudenza hemmhekk ċitata. Ukoll, wieħed huwa mistieden jara dak li ntqal u ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Norbert McKeon *et* vs Emanuele Azzopardi *et*,** (App Ċiv Nru: 2614/1998/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-29 ta' Jannar 2016.

[56] Fost diversi, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **David Cutajar vs Aaron Schembri,** (Rik Ġur 1201/2020) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-22 ta' Frar 2024 (mhux appellata) fejn ingħad hekk: *"Illi huwa l-iskop ta' kull azzjoni għar-riżarċiment ta' danni dik li tqiegħed lil min ġarrab il-ħsara fil-qagħda li kien jinsab fiha qabel l-avveniment dannuż. Din ir-reintegrazzjoni patrimonjali li trid tiġi ordnata mill-qorti fil-każ li ssib ħtija ċivili fil-parti konvenuta għandha ssir b'ħarsien sħiħ lejn il-prinċipju ta' restitutio in integrum, u ċjoè li l-persuna danneġġjata ma tkunx soffriet telf ekonomiku minħabba l-ħtija ta' min wettaq il-ħsara."*

[57] Din spjegat hekk: l-ammont ta' €5,975.06ċ huwa t-total t'ammont żborsat fuq iż-żewġ dati. €235 tħallas bħala *excess*, €659.52ċ kienu l-ispejjeż relatati mal-*loss adjuster*.

Għaldaqstant il-Qorti qiegħda tiddeċiedi din il-vertenza billi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-Korporazzjoni konvenuta, tilqa' t-talba tal-atturi u b'hekk tordna li l-Korporazzjoni konvenuta tħallas lill-atturi l-ammont ta' sitt elef tmien mija disa' u sittin Ewro u tmienja u sittin ċenteżmu (€6,869.68ċ) bl-istess modalitá kif mitlub fl-Avviż promotur u ċioé is-somma ta' sitt elef, sitt mija, erbgħa u tletin Ewro u tmienja u sittin ċenteżmu (€6,634.68ċ) titħallas lil Atlas Insurance PCC Limited u s-somma ta' mitejn, ħamsa u tletin Ewro (€235) titħallas lil Jose Maria Incera, bl-imgħax legali mill-1 ta' Lulju 2016[58] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u tal-ittra uffiċjali tas-27 ta' Ġunju 2016 imsemmija fl-Avviż promotur jitħallsu fl-intier tagħhom mill-Korporazzjoni konvenuta.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur

---

[58] A fol 186 tal-proċess. Għad li l-ittra ma ġietx imressqa mill-atturi, in tressqet fil-fajl intern tal-Korporazzjoni. B'dak it-tagħrif, il-Qorti setgħet tikkonferma li l-ittra ġiet debitament notifikata fl-1 ta' Lulju 2016. Konferma tal-fatt li l-ittra uffiċjali ġiet debitament notifikata temerġi wkoll mill-fatt li l-Korporazzjoni rrispondiet għal dik l-ittra permezz ta' ittra legali datata 6 ta' Settembru 2016 li tinsab a fol 169 tal-proċess. Jingħad ukoll li dik l-ittra kienet tikkontjeni intimazzjoni għall-ammont determinat mitlub f'dawn il-proċeduri.